MSIDA

# KUNSILL LOKALI MSIDA

Pjazza Menqa, Msida
Tel: 2133 4343 Fax: 2134 2424
www.msidalocalcouncil.com

| | |
|---|---|
| **Riferenza:** | **Minuti tas-Seduta 29/K7/2015** |
| **Data:** | **It-Tlieta 28 ta' April 2015** |
| **Post:** | **Uffiċċju Amministrattiv<br>Pjazza Menqa, Msida** |
| **Hin:** | **5.30 p.m.** |

| | | |
|---|---|---|
| **Preżenti:** | **Sindku** | **Sna Margaret Baldacchino Cefai** |
| | **Kunsilliera** | **Is-Sur Emanuel Brincat** |
| | | **Sna Romina Galea** |
| | | **Sur Charles Selvaggi** |
| | | **Sur Maurice Agius** |
| | | **Sur Alan Abela Wadge** |
| | | **Is-Sur Matthew Agius** |
| | | **Sur Lino Bartolo** |
| | | **Is-Sur Matthew Mangion, KAS** |
| | **Segretarju Eżekuttiv:** | **Sna Marita Portelli** |
| | **Skużati** | **Dr Alex Sciberras** |
| | | **Mark Aquilina, Ambaxxatur taż-Żgħażagħ** |

## AĠENDA

1. Approvazzjoni tal-Minuti tas-Seduta 28/K7/2015 u 28(2)/K7/2015
2. Materji mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. Approvazzjoni tal-pagamenti tal-Kontijiet
5. Kumitat Amministrattiv tas-Swatar
6. Kommunikazzjoni minn Laqgħat li saru

7. Affarijiet oħra jekk urġenti
8. Aġġornament

| Seduta Numru 29/14 |
|---|

1459 Is-Sindku fetħet il-laqgħa b'talba lil San Ġużepp.

1. Approvazzjoni tal-Minuti tas-Seduta 28/K7/2015

1460 Materja 1397: Inġibdet l-attenzjoni li t-triq imsemmija isir korrezzjoni li mhux Triq Antonio Sciortino imma Triq Antonio Bosio.

1461 Materja 1404: Intalab li ssir korrezzjoni fejn ikun miktub ċar li l-ammont ta' l-invoice huwa għall-armar ta' l-arbli fi żmien il-Milied.

1462 Il-Minuti ġew approvati.

2. Approvazzjoni tal-Minuti tas-Seduta 28(2)/K7/2015

1463 Materja 1428: Is-Sur Selvaggi talab li jinbidel il-kliem ta' din il-materja minħabba li ma jiftakarx li qal li l-Kunsill għandu jagħmel storbju. Sar qbil li jinkiteb li qal li l-Kunsill hemm bżonn "isemma leħnu".

1464 Materja 1429: Intalbet korrezzjoni biex jinkiteb tajjeb kunjom il-Kunsillier Abela Wadge minħabba li hemm 'r' fl-aħħar ta' konjomu.

1465 Minuta 1433: Is-Sur Maurice Agius talab li ma din il-materja jiżdied u li għamel disgħa u għoxrin sena President tal-Każin tal-Banda.

1466 F'Minuta 1438: Is-Sur Maurice Agius qal li l-isprayer ta' Triq l-Irmiġġ apparti li jisprenja barra qed jagħmel xogħol ieħor fit-triq.

1467 Il-minuti ġew approvati.

3 Materji mil-minuti – 28/K7/2015

1468 Materja 1396: Is-Sur Maurice Agius talab li jkun jaf x'bankini oħra ser isiru ġewwa l-Imsida. Is-Sindku qalet li r-rampa tan-naħa ta' Pizza by

Luca (Triq Imħallef P. Debono) ser issir għada u li aktar 'il quddiem l-bankina ta' Triq l-Universita' ser tkun waħda mill-prijoritajiet. Is-Sur Maurice Agius xtaq li jiġi nfurmat meta ser tkun ser issir il-bankina. Is-Sur Lino Bartolo saqsa kif ħa jsiru r-rampi l-ġodda u ġie nfurmat li ser isiru bil-'pegs'.

1469 Materja 1405: Is-Sur Selvaggi saqsa fuq il-ħsara tal-Bandli ta' l-Imsida u ġie nformat li saru t-tiswijiet.

1470 Materja 1406: Is-Sur Charles Selvaggi reġa fakkar fit-tabella li hemm bżonn fi Triq il-Ħriereb biex ma jintefax skart.

1471 Materja 1408: Is-Sur Maurice Agius saqsa jekk kellniex xi risposta mit-TM fuq il-proġett. Is-Sindku qalet li tkellmet mal-Perit Audrey Testaferrata de Noto, u anke lil Perit Julian u li nfurmawha li kien ser ikollhom laqgħa u wara jikkuntatjaw lill-Kunsill. Is-Sindku qalet li il-karrozzi qed jidħlu u johorġu minn fejn il-Monument. Is-Sur Maurice Agius qal li hemmhekk kellu jsir bridge żgħir għal ġol-Bandli. Is-Sur Brincat qal li suppost kellhom jikkonsultaw mal-Kunsill. Is-Sur Agius kompla jgħid li il-ħin li hemm fil-Pelican Lights mhux qed jagħti ċans lin-nies jaqsmu mill-Marina Home sal-parti tan-nofs. Is-Sur Abela Wadge qabel ma' dak li qal is-Sur Agius. Is-Sur Selvaggi qal li l-Kunsill kien qabel biex iż-'zebra crossing' tiġi mressqa. Is-Sindku qalet li kellha ssir laqgħa. Is-Sur Selvaggi jixtieq li jiġi nfurmat. Is-Sur Bartolo qal li kellha ssir 'hump' biex l-ilma ma jmurx fil-pellican lights, iżda xejn ma' sar wara l-meeting. Is-Sur Bartolo qal ukoll li it-toqob li saru taħt il-bridge huma wisq żgħar biex jkun jista jgħaddi l-ilma kollu li jinġema hemm. Is-Sur Maurice Agius saqsa fuq il-madum tal-Lava u ġie nformat li qegħdin ġol-bitha tal-Kunsill. Is-Sur Brincat qal li l-informazzjoni mitluba mid-DLG fuq il-Belisha u Pelican lights ingħatat u qal li jista jkun li l-mateniment tagħhom tkun ċentralizzata. Is-Sur Selvaggi saqsa fuq l-aħħar informazzjoni li ngħataw fuq l-bankina ta' quddiem l-għassa. Hu qal li ma jaqbilx li tibqa hekk u li ħafna ma jaqblux. Is-Sindku qalet li ser tara x'se jiġri wara l-laqgħa li jmiss. Is-Sur Bartolo talab li titlob 'deadline'.

1472 Materja 1415: Fuq t-talba li għamlu l-Kumitat tas-Sajjieda, s-Sindku tkellmet ma' TM u MMA biex forsi jkunu jistgħu jagħtuhom xi tip ta' għajnuna. Is-Sur Maurice Agius żied jgħid biex niktbu lil MMA fuq il-'bridge' li hemm bejn il-ġonna.

1473 Materja 1417: Intqal li hemm bżonn li l-Kunsill jiċċekja jekk dan il-fond hux jintuża bħala garaxx bil-preżenza tal-Pulizija. Intqal li ġieli ġie nnotat li jkun hemm karozza f'dan il-post.

1474 Materja 1424: Is-Sur Maurice Agius saqsa fejn kien wasal l-permess ta' Triq Ċensu Farrugia. Is-Sindku qalet li l-permess ġie approvat u li kien ser issir laqgħa mal-'Works Department' fejn ser tinħareġ 'tender' dwar ġibjun li ser isir bħala parti mill-proġett. Is-Sur Brincat qal li l-budget hu ta' €110,000 u qal li l-BOQ kellu jiġi rrividut, pero' x-xogħol huwa mistenni li jibda din is-sena.

1475 Materja 1425: Is-Sur Maurice Agius saqsa jekk konniex irċevejna l-ittra mingħand is-Sur Zahra. Is-Sindku qalet li ma rċevejna xejn. Is-Sur Agius qal li hemm bżonn tittieħed azzjoni mmedjatament. Is-Sindku qalet li ser tikteb lill-iSpettur.

1476 Materja 1430: Is-Sur Maurice Agius qal li quddiem tal-Battries l-ilma xorta għadu jżomm u ntqal li dan ix-xogħol aħjar issir mill-kuntrattur.

1477 Materja 1428: Is-Sur Selvaggi saqsa x'kien sar fuq l-istqarrija, u qal li kellha ssir u tintbagħat bl-email. Is-Sindku qrat il-proposta ta' l-istqarrija waqt il-laqgħa. Is-Sur Selvaggi qal li hemm bżonn li fl-istqarrija nsemmu li fl-Imsida żdiedu ħafna n-nies minħabba l' fatt li hawn l-Isptar Mater Dei u anke l-Universita'. Is-Sur Brincat qal li din l-istqarrija tinżamm fil-qosor kemm jista' jkun. Is-Sindku qalet li meta il-Kunsill ħareġ il-'Press Release' xorta bidluha l-'media'. Ġiet approvata u sar qbil li tintbgħat lil Media kollha.

1478 Materja 1433: Is-Sur Bartolo qal li jixtieq jikkummenta fuq din il-materja u jagħmilha ċara li l-istatut tal-Għaqda tal-Banda jsemmi li l-President tal-Banda jkun 'in vigore' ikollu l-Banda għall-funeral. Hu qal li l-ispiża mitluba ma' setgħetx titħallas mill-Għaqda tal-Banda biss u kien hemm anke ftehim li l-ispiża tinqasam bejn il-Klabb tal-Futbol, il-Banda u l-Kunsill, mitejn ewro kull wieħed. Qal imbagħad l-ispiża telgħet għall-€1200 u saret deċiżjoni li dan kien ammont eżaġerat għal siegħa. Is-Sur Maurice Agius qal li fl-istatut hemm klawżol li biha l-Kumitat setgħa jirranġa biex ikollu l-Banda. Saqsa jekk kienx imsiefer dak li jaqla l-bandisti. U qal li jekk ma jaqlaħhomx din il-persuna ma jkunx hemm min jaqlaħhom. Is-Sur Bartolo qal li t-tifel tiegħu kien ser jaqlaħhom. Is-Sur Selvaggi għal li l-Misidjani stennew li jkun hemm xi ħaġa aktar ta' rispett. Intqal li barra li kien involut fl-Għaqda tal-Banda kien Sindku wkoll. Intqal li l-Kunsill kien lest li joħroġ €200 pero' xħin telgħa l-prezz ma setgħux joħorġu iżjed.

1479 Is-Sindku qalet li jista' jiġi l-Kapillan biex ibierek waqt il-laqgħa.

1480 Materja 1436: Is-Sur Charles Selvaggi saqsa jekk l-Kunsill ingħatatx

irċevuta għall-Kunċert. Is-Sur Lino Bartolo qal li ngħatat irċevuta ta' €100 u li l-attivita' kienet tajba.

1481 Materja 1440: Rigward il-ġbir tal-ħġieġ, il-Kunsill ġie nformat li l-ġbir mill-BIS qed isir darb oħra fix-xahar.

1482 Materja 1441: Intqal li l-Kunsill informa lill-pulizija bl-affarijiet li qed joħroġ l-Inkspot f'tarf tal-bankina. Is-Sindku qalet li qatt ma' ngħata permess biex joħroġ l-affarijet barra f'tarf tal-bankina. Is-Sur Maurice Agius qal li s-sid anke qed jipparkja l-karozza tiegħu ġol-un/loading bay. Is-Sur Abela Wadge qal li sakemm ikollu l-liċenzja mħallsa jista' jipparkja, basta mhux fil-ħinijet ta' loading/unloading.

1483 Materja 1442: Is-Sur Maurice Agius qal li xorta qed ikun hemm karozzi għal bejgħ u trakkijiet fix-Xatta ta' L-Imsida avolja ġiet imwaħħla t-tabella. Intqal li meta jkun hemm hekk irridu nċemplu lill-Pulizija biex imorru fuq il-post. Is-Sur Emanuel Brincat żied jgħid li diġa tneħħa wieħed mill-vannijet tar-reklami u ser jitneħħa l-ieħor.

1484 Materja 1443: Is-Sur Charles Selvaggi qal li l-laqgħa dwar Ġimgħa Msida għadha ma saritx. Is-Sindku qalet li fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss jingħata l-informazzjoni fuq Ġimgħa Msida.

1485 Materja 1446: Is-Sur Emanuel Brincat saqsa lis-Sur Abela Wadge jekk kienx tkellem mal-Perit Toni Bezzina. Is-Sur Abela Wadge qal li kuntatt mal-Perit kien għadu ma' għamilx. Is-Sur Emanuel Brincat qal biex nagħtu ċans ta' 15 'il ġurnata biex jagħtina risposta.

1486 Materja 1447: Is-Segretarju qalet li kkuntatjat lil tal-Lets Do It u li ftehmet magħhom li l-Kunsill ser jagħti premju ta' Tablet lil xi ħadd minn nies li jieħdu sehem fil-Clean Up li ser issir fid-9 ta' Mejju.

1487 Materja 1448: Ġie deċiż li l-Kumitat ta' l-attivita' ikun l-istess wieħed tas-Sotto Kumitat ta' Ġimgħa Msida. Is-Sindku qalet li hemm bżonn ta' ħafna idejat u ħafna għajnuna. Is-Sur Charles Selvaggi qal li għajnuna ma' tantx jista' jagħti peress li ma tantx għandu ħin disponnibbli. Is-Sur Alan Abela Wadge qal biex l-attivita' inmexxuha b'mod kummerċjali u nqassmu l-spejjeż bejn l-entitajiet. Is-Sur Matthew Agius qal li jekk ikun hemm is-Sindku involuta fil-Kumitat lest li jinvolvi ruħu minħabba li ħadmu tajjeb fil-passat. Is-Sotto Kumitat ġie msejjaħ għall-laqgħa nhar it-Tlieta, 5 ta' Mejju 2015 fis-6.30pm.

1488 Materja 1452: Is-Sur Lino Bartolo saqsa jekk hemmx il-ħsieb li titneħħa l-ħamrija minn Triq J Borg. Hu qal li dak kien disinn tal-MEPA u li hemm siġar endemiċi fiż-żona. Is-Sur Matthew Agius qal li

li s-siġar importanti li ma jintmessux u qal li l-Kunsill kien diġa ta 'no objection'. Is-Sur Lino Bartolo qal li hu personali ma jaqbilx li titneħħa. Is-Sur Matthew Agius qal li mhux qed jipproponi li titneħħa 'greenery' pero' kien hemm suġġeriment li ssir 'embellishment' u tinżamm aħjar u li kif inhu bħalissa l-post mhux qiegħed fi stat tajjeb. Is-Sur Lino Bartolo qal il-'half wall' irnexxa u qal li tal-Bar messu jinformana biex nibgħatu l-pulizija meta jkun hemm l-istudenti jagħmlu l-ħsara. Qal li fiż-żona hemm l-aħjar hedge fl'Imsida. Is-Sur Abela Wadge qal li ma jaqbilx. Is-Sur Emanuel Brincat qal biex naraw x'hemm bżonn isir qabel ma' nitkellmu, qal li il-Kunsill diġa kien ħa deċiżjoni li ntugħ biċċa quddiemu għall-imwejjed. Is-Sur Charles Selvaggi qal li forsi tista' teħel tabella biex tkun ta' deterrent. Is-Sna Galea qalet li hemm tabelli ta' l-iskart u jintefa l-iskart xorta. Is-Sur Bartolo qal li kullħadd għandu d-Dekasteru tiegħu, qal li jaf li waħdu ma jistax jieħu deċiżjonijiet imma jista juri li ma jaqbilx. Qal li kien hemm persuna rranġat il-bankina ta' quddiema u neħħiet il-ħamrija u qalet li din għandha terġa ssir kif kienet.

1489 Sospenzjoni tal-laqgħa (18:51).

1490 Kontinwazzjoni tal-laqgħa (19:01).

1491 Materja 1457: Intqal li t-'trophies' għat-tournament b'risq Puttinu Cares inxtraw u li marret is-Sna Galea biex tagħmel il-preżentazzjoni. Ħadd aktar ma seta jattendi.

## 5 Korrispondenza

1492 41/XXXX: L-Għaqda Dilettanti tan-Nar Ħamrun kitbu biex jitolbu permess biex jisparaw mis-Swatar għall-Festa tal-Kunċizzjoni tal-Ħamrun. Is-Sur Matthew Mangion mill-Kumitat Amministrattiv Swatar ried jagħmilha ċara li l-KAS qatt ma ntalbu jagħtu l-kummenti tagħhom fuq din il-materja. Qal li hu qatt ma rċieva lmenti hu personali. Qal li jiftakar li tressqu l-ilmenti waqt il-laqgħa tal-Kunsill ta' L-Imsida qal imma il-KAS qatt ma' oġġezzjonaw jew taw in-'no objection'. Qal qatt ma ntalbu jieħdu din it-tip ta' deċiżjoni kemm ilu fil-Kumitat hu u ried jagħmilha ċara li mhux il-KAS qed iressaq dawn l-ilmenti. Is-Sur Alan Abela Wadge qal li ta' l-għaqda kellmuh għax din is-sena għandhom xi anniversarju u jixtiequ li jkollhom in-nar. Is-Sindku qalet li l-Kunsill kien kiteb diversi xhur ilu u nformahom li mhux se jingħata permess biex jilħqu jsibu xi post ieħor. Is-Sur Emanuel Brincat qal li kellmuh il-fuq minn ħmistax il-persuna u qal li l-Kunsill għandu jsostni x-xewqa tar-residenti. Sar qbil li l-Kunsill ser iżomm mad-deċiżjoni oriġinali. Is-Sur Matthew Agius qal li kieku qed

jgħidu le lil kullħadd jagħmel sens iżjed milli kieku jingħata permess lil tan-nar ta' l-Imsida u lil tal-Ħamrun le. Is-Sindku qalet li r-residenti jissaportu ta' l-Imsida imma mhux ta' post ieħor. Is-Sur Maurice Agius qabel. Qalet li forsi hemm possibilita' li n-nar jibda' jinħaraq minn xi post ieħor bħal ħdejn St. Philips, Sta. Venera. Is-Sur Lino Bartolo qal li Sta. Venera qed jaħarqu minn wara. Is-Sur Emanuel Brincat qal forsi jekk hemmx il-possibilita' li jaħarqu mill-Floriana. Il-Kunsill qabel li għandha ssir laqgħa magħhom u s-Sur Emanuel Brincat qal li l-Kunsill għandu jissuġġerixxi tlett postijiet alternattivi biex jiddeċiedu huma.

1493 Sospenzjoni tal-laqgħa (19:16)

1494 Is-Sur Abela Wadge telaq mill-laqgħa fis-19:22.

1495 Kontinwazzjoni tal-laqgħa (19:24)

1496 41/0491: Il-Kunsill ġie nformat li l-MEPA approva l-proġett tal-Kunsill taż-żgħażagħ. Din l-iskultura ser issir fil-ġnien il-qadim. Is-Sur Lino Bartolo qal li jekk l-iskultura ser tkun tal-perspex għandna noqgħodu attenti minħabba n-nar.

1497 41/0477: Is-Sur Maurice Agius saqsa dwar din l-ittra. Is-Sur Selvaggi qal li kien sorpriż bir-reazjoni tal-MEPA lejn il-Kunsill. Is-Segretarju qalet li ta' l-MTA Ltd qal li ser ineħħi r-rampa pero qalet li issa hemm tarġa. Intqal li ser issir il-bankina biex titjieb is-sitwazzjoni. Il-Perit għandu jkun nvolut fix-xogħolijiet.

1498 41/0501: Is-Sna Charmaine Pace Amministratur ta' Maracana Court, fi Triq it-Torri qed titlob biex isir skip faċċata tal-blokka biex r-residenti tal-blokk jitfgħu l-iskart fiha. Il-Kunsill iddeċida li ssir laqgħa magħhom biex tinstab soluzzjoni oħra.

1499 41/0419: Il-Kunsill rċieva dokumentazzjoni fuq ħsara li ġarrab Luke Cilia fil-karozza minħabb ħofra fi Triq C de Brocktorff. Il-Kunsill qabel li jingħata kumpens ta' €100.

1500 41/0485: Saret talba għal-'Un/loading Bay' fi Triq il-Franġiskani. Il-Kunsill approva pero' ntqal li qabel kienet bla permess.

1501 41/0414: Saret talba għal-'Un/loading Bay' fi Triq Balliju Guttenberg. IS-Sur Brincat qal li tista tiġi wżata l-Alighting Bay li hemm ta' nies b'diżabilita' minħabba li din tintuża darba jew darbtejn matul il-ġurnata. Is-Sur Matthew Agius qal li jistgħu jeħlu ċitazzjonijiet. Sar qbil li l-Kunsill jitlob informazzjoni dwar il-ħinijiet tal-vannijiet tan-nies b'diżabilita' biex fil-ħinijiet l-oħra tintuża għal-Loading u

Unloading.

1502 41/0510: Saret talba għal-'Un/loading Bay' fi Triq ix-Xatt ta' l-Imsida. Il-Kunsill m'għandux oġġezzjoni basta ssir bay waħda li tintuża minn kullħadd.

1503 41/0516: Saret talba għal-'Un/loading Bay' oħra fi Triq ix-Xatt ta' l-Imsida. Il-Kunsill m'għandux oġġezzjoni basta ssir bay waħda li tintuża minn kullħadd.

1504 41/517: Is-Sindku qrat l-ittra ta' Msida St. Joseph Nursery. Il-Kunsill qabel li l-ispejjeż ta' 'trophies', bħas sena l-oħra, ma taqbix l-ammont ta' €500.

1505 Is-Sna Galea ħarġet mill-laqgħa (19:43).

6 Pagamenti

1506 Is-Sur Agius talab li jkun hemm miktub aktar dettalji fl-iskedi tal-pagamenti. Is-Sur Brincat qal li kulħadd jista' jiġi jara l-'invoices'.

1507 Il-pagamenti ġew approvati.

7 Kumitat Amministrattiv Swatar

1508 Is-Sur Mangion qal li l-KAS ser jorganizzaw Għeħ is-Swatar fid- 9 ta' Mejju 2015, waqt l-attivita' ta' Swatar Fest. Qal li din ser tibda ssir kull sentejn u li b'€500 din l-attivita' għandha tkun koperta. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

1509 Is-Sur Brincat qal li għandhom bżonn isiru xi ismijiet tat-toroq fuq pjanċi. Is-Sur Bartolo qal li nistgħu nitolbu l-iskola tas-St Martin's. Anke ġiet issuġġerita tabella fid-daħla tas-Swatar u li ntqal li kienet ser issir diskussjoni ma' l-HSBC. Is-Sur Mangion qal li l-Kapillan jixtieq li ssir tabella biex tkun indikata l-pożizzjoni tal-Knisja. Intqal li d-Dipartiment għadu ma tax risposta dwar l-emblema tas-Swatar.

1510 Is-Sur Mangion ġie nformat li ma kien hemm l-ebda risposta mill-Għassa ta' B'Kara dwar il-Kiosk fi Triq it-Torri. Is-Sindku qalet li issa ġie f'pożizzjoni aħjar għax it-tieq m'għadiex tagħti għal fuq it-triq. Is-Sur Mangion qal li din saret bl-insistenza tal-KAS.

8 Komunikazzjoni mill-laqgħat li saru

1511 Is-Sindku u s-Sna Galea kellhom laqgħa ma'l-Għaqda tan-Nar fejn ġew informati li mhux se jkollhom ħafna nar din is-sena u li saret talba għal-Fire Engine bħal ma jsir f'snin oħra. Inqal li s-Sindku wissiethom biex jibżgħu għall-propjeta' tal-Kunsill u li m'għandhomx idumu biex iżarmaw. Qalet li talbu biex jagħmlu bar is-Sibt fil-ġnien. Il-Kunsill ma qabilx. Is-Sur Agius qal li importanti li jżarmaw mill-ewwel inkella jżarma l-Kunsill u jħallsu l-isejjeż.

1512 Is-Sur Brincat qal saret laqgħa mal-kuntrattur Tabone Bugeja Joint Venture għax hemm xi 13 'il biċċa xogħol xi ssir. Intqal li għal nofs Mejju ser jibda x-xogħol. Xi bankini / xogħolijiet huma:

Misraħ il-Barrieri ħdejn Curly Wurly;
Triq is-Swatar quddiem Little Gozo Court;
Triq is-Swatar k/m Triq M. A. Bonnici;
Triq M. Innoċ .Zammit c/w D. Famucelli;
Triq is-Swatar bejn Rump Around u HSBC;
Triq l-Universita';
Msida Circus (rampi)

Is-sur Maurice Agius qal biex ir-rampi li hemm fit-toroq jibdew jitneħħew u jsiru tajjeb mill-kuntrattur.

9 Affarijiet Urġenti

1513 Is-Sur Brincat qal li iż-żona ta' Sqaq Casolani u Triq it-Tabib Naudi hemm parti li skedata għal-Triq. Sar qbil li tinkiteb ittra lit-TM biex din it-triq tinfetaħ. Is-Sur Bartolo ġibed l-attenzjoni li l-art hija privata.

1514 Is-Sur Selvaggi saqsa fuq Pelican Lights fi Triq il-Wied u ġie informat li għandhom isiru mit-TM.

1515 Is-Sur Selvaggi saqsa fuq l-proċess ta' ħatra ta' Segretarju ġdid. Is-Sindku qalet li l-kandidata magħżula għamlitha ċara li ma tridx li tamministra l-Hamlet tas-Swatar pero' id-Dipartimenti qed jibqa jsostni li din parti minn xogħolha. Intqal li jekk tkun ser titlaq is-Sna Portelli jiġi appuntat Aġent. Saqsa jekk il-Kunsill setgħax jagħżel it-tieni persuna pero' ġie nformat li dan kellu jiġu skwalifikat minħabba l-eta'.

1516 Is-Sur Matthew Agius ġibed l-attenzjoni fuq l-mera li hemm fi Triq Antonio Bosio u Rue D'Argens minħabba li neħħew l-iscaffolding.Sar qbil li n-Nissan jiġi nformat meta ser jkun hemm permessi ta' xogħolijiet fiż-żona.

1517 Is-Sur Matthew Agius tkellem fuq programm ta' l-ETC 'Sheltered' u s-Sindku qalet li tkellmet ma' persuna mill-ETC fuq din l-inizjattiva u li għandha ssir laqgħa. Is-Sur Matthew Agius qal li nkunu nistgħu nimpjegaw xi nies li jagħmlu xi xogħol ripettittiv u anke ninformaw 'employers' oħra fl-Imsida b'xi persuni li għandhom dizabilita. Is-Sur Matthew Agius qal li inti tinforma l-ETC x'tip ta' xogħol għandek u li huma jibgħatu persuni li jistgħu jagħmlu dak ix-xogħol.

1518 Is-Sur Matthew Agius talab li jingħataw informazzjoni fuq l-istastika tar-riċiklaġġ. Il-Kunsill ġie nformat li s-Sindku u s-Segretarju attendew attivita' fil-Wasteserv fejn ġie spjegat kif jiġi pproċessat l-iskart.

1519 Is-Sindku qalet li s-Sibt fid-9am ż-żgħażagħ tal'-Kunsill taż-Żgħazagħ u xi żgħażagħ membri fil-Għaqda Melita Banda San Ġużepp ser jmorru jnaddfu l-ġnien tad-dar ta' l-anzjani.

1520 Is-Sindku nformat lill-Kunsill li ż-żgħażagħ ser jieħdu sehem f'proġett Erasmus+ li huwa Youth Exchange fil-Lithuania. It-tema ser ikun it-tisjir u l-grupp ta' L-Imsida ser ikun qed jirrappreżenta lil Malta f'dan il-proġett. Is-Sindku qalet li jista jkun hemm xi spejjeż ta' xi ikel tradizzjonali jew souvenirs li jridu jtellgħu magħhom. Il-Kunsill approva ix-xiri ta' dawn l-affarijiet.

1521 Is-Sindku qalet li s-Sur Franco Naudi talab għal xi bollards oħra f'xi żoni fl-Imsida. Il-Kunsill ma qabilx li jsiru bollards quddiem il-Kunsill pero' ma kienx hemm oġġezzjoni għal Bus Lane quddiem l-Għassa. F'tal-Qroqq intqal li m'għandhomx isiru bollards li jostakolaw lin-nies milli jitilgħu fuq tal-linja.

1522 Is-Sur Maurice Agius saqsa fuq il-bollard ta' Triq il-Prinċipessa Margerita. Ġie nformat li din ser tiċċaqlaw għada.

1523 Is-Sur Bartolo talab biex tinbgħat ittra lil Sofra biex tineħħa l-iskip li għandu. Sar qbil li tiġi kkupjata l-Għassa.

1524 Is-Sur Bartolo saqsa jekk il-Kunsill hux ser jieħu sehem fil-wirja ta' Sant Anton. Sar qbil li il-Kunsill jippartecipa f'din l-attivita'.

1525 Il-Laqgħ a ntemmet fit 20:24pm u sar qbil li l-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tlieta 26 ta' Mejju 2015. Is-Sur Selvaggi qal li mhus ser ikun jista jattendi.

Approvati llum 9 ta' Ġunju 2015.

Margaret Baldacchino Cefai
Sindku

Agent ~~Marita Portelli~~ Arthur Perici
Segretarju Eż ekuttiv